Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 7/2013-1

**Carmel Demanuele** (K.I.-43772M) **(appellat)**

**vs**

**Carmelo Busuttil** (K.I.-366242M) **(appellant)**

18 ta' Ġunju 2018

1. **Din hija kawża għar-ripreża ta' żewġ porzjonijiet raba' imqabbla lill-konvenut.**

2. Fir-rikors promutur tiegħu tat-13 ta' Mejju 2013 ippreżentat quddiem il-Bord dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba', l-attur spjega li huwa s-sid ta' biċċtejn art imqabbla lill-konvenut, li jinsabu fl-inħawi "*Tal-Bidni*" fil-limiti ta' Wied il-Għajn:

   (i) waħda magħrufa bħala "*Tal-Massara*" fi sqaq li jagħti għal Triq il-Latnija b'kejl ta' ċirka 2816mk, u

   (ii) l-oħra magħrufa bħala "*Ta' Tatieq*" b'kejl ta' ċirka 1870mk.

   Huwa ppremetta li:

   - għandu bżonn ir-raba in kwistjoni sabiex jiġi użat minnu personalment u minn membri tal-familja tiegħu għal skopijiet agrikoli ta' mhux anqas minn erba' snin konsekuttivi (Art. 4(2)(a) tal-Kap 199);

   - r-raba tħalla żdingat u ma jinħadimx għal mill-inqas tnax-il xahar konsekuttivi (Art. 4(2)(d) tal-Kap 199); u

   - l-konvenut naqas li jsewwi u jżomm fi stat tajjeb il-ħitan li jdawwru r-raba (Art. 4(2)(f) tal-Kap 199).

Għall-imsemmija tliet raġunijet huwa talab il-Bord dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba' sabiex jawtorizzah ai termini tal-Artikolu 4 tal-Kapitolu 199 jirriprendi l-pussess tal-imsemmija biċċtejn art b'effett mill-iskadenza li jmiss.

3. Fir-risposta tiegħu tal-31 ta' Mejju 2013 il-konvenut ta r-raġunijiet tiegħu għaliex il-Bord kellu jiċħad it-talba tal-attur.

4. Fis-sentenza li ingħatat fil-11 ta' Jannar 2017, il-Bord ċaħad it-talba tal-attur in kwantu ġiet intavolata ai termini tal-Artikolu 4(2)(d) tal-Kap 199, iżda laqgħha in kwantu ġiet intavolata ai termini tal-Artikolu 4(2)(a) u l-Artikolu 4(2)(f) tal-Kap 199. Huwa konsegwentement ordna lill-konvenut jivvaka mir-raba in kwistjoni fi żmien tliet (3) xhur mid-data tas-sentenza, u awtorizza lill-attur jirriprendi l-pussess tagħhom wara t-trapass tal-imsemmi perjodu ta' tliet (3) xhur. Huwa ordna li kull parti kellha tbati l-ispejjeż tagħha.

5. Il-konvenut ħassu aggravat b' din id-deċiżjoni u għalhekk fit-30 ta' Jannar 2017 intavola appell quddiem din il-qorti fejn talabha tħassar is-sentenza appellata, tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu u tiċħad it-talba tal-attur mhux biss ai termini tal-Artikolu 4(2)(d) (kif fil-fatt għamel il-Bord) iżda anke ai termini tal-Artikolu 4(2)(a) u 4(2)(f).

6. **L-aggravji** tiegħu jirrigwardaw il-fatt li l-Bord ikkonkluda li t-talba tal-attur kienet fondata ai termini tal-Artikolu 4(2)(a) u tal-Artikolu 4(2)(f) tal-Kap 199.

   *(i) Dwar il-bżonn tal-attur għar-raba in kwistjoni* - [Artikolu 4(2)(a) Kap 199]

   Huwa jargumenta illi l-Bord kellu stampa ċara tal-introjtu tiegħu u tal-attur u għalhekk kellu jgħaddi biex jagħmel eżami komparattiv tat-tbatija li kienu ser ibatu l-partjiet ai termini tal-"*proviso*" tal-Artikolu 4(2)(a). F' dan ir-rigward jaċċenna għall-fatt illi l-attur huwa impjegat statali, bi dħul annwali ta' madwar €10,000 oltre dak li jdaħħal mill-

koltivazzjoni tar-raba, filwaqt li l-pożizzjoni finanzjarja tiegħu (il-konvenut appellant) hija waħda batuta, stante li huwa sempliċi pensjonant u d-dħul tiegħu huwa supplimentat bil-prodott li jirnexxilu jkabbar mir-raba li għandu flimkien ma ħutu. Jilmenta illi jekk jitlef il-pussess tar-raba in kwistjoni, it-tbatija tiegħu ser tkun ferm akbar minn dik tal-attur jekk ma jakkwistax il-pussess ta' tali raba.

*(ii)* <u>*Dwar it-tiswija tal-ħitan* [Artikolu 4(2)(f) tal-Kap 199]</u>

Il-konvenut appellant jaċċenna għall-fatt illi l-esperti tal-Bord li aċċedew fuq il-post sabu s-segwenti:

- li huwa (l-konvenut) kien sewwa selħa li kien hemm sal-livell tal-għalqa fil-pussess tiegħu filwaqt li l-għoli l-ieħor kien dovut jittella' <u>mill-attur innifsu</u> li għandu għalqa adjaċenti għar-raba in kwistjoni, ħaġa li ma għamilx;
- li kien hemm ħsara fl-inħawi mnejn għaddi l-ilma ta' Sant' Antnin u jsostni li din il-ħsara <u>kien għamilha l-attur stess</u>, liema ħsara ġiet irraportata lill-awtoritajiet; u
- li kien hemm ħsara oħra f' ħajt tas-sejjieħ li huwa (l-konvenut) kien għadu ma sewwiex, u li kien hemm tankijiet fuq il-ħajt. <u>Jargumenta li dan il-mankament wieħed mill-ħitan kollha mhux raġuni li timmerita li jiċċaħħad mir-raba in kwistjoni.</u>

7. Fis-6 ta' Marzu 2017 l-attur appellat ippreżenta r-risposta tiegħu fejn sostna li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma.

**<u>Sfond tal-kawża:</u>**

8. L-attur akkwista l-biċċtejn art meritu ta' din il-kawża għall-prezz komplessiv ta' €42,000, u dan permezz ta' kuntratt ta' bejgħ tal-21 ta' Awwissu 2012[1] (ara*site plans* immarkati Dok B[2] fejn tidher ir-raba' oġġett tal-kawża). Fuq il-kuntratt stess ġie dikjarat li l-art imqabbla lill-konvenut. Disa' xhur wara l-

[1] Dok A, Kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Lia, fol 3-7
[2] Dok B, site plans tal-biċċtejn art, fol 8 u 9

akkwist, l-attur ippropona din il-kawża.

**L-ewwel aggravju:**

*Il-"bżonn" tal-attur għall-art mertu tal-kawża, l-"importanza" tal-art għall-għejxien tal-konvnenut, u t-"tbatija" li ser ibati l-konvenut jekk jitlef il-qbiela fuq tali art:*

9. L-Artikolu 4(2)(a) tal-Kap 199 (Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba) u l-*proviso* relattiv jipprovdu hekk: (enfażi ta' din il-qorti)

> *"Il-Bord jilqa' r-rikors ta' sid il-kera[3] jekk sid il-kera jipprova li **jeħtieġ ir-raba** biex jiġi wżat għal skopijiet agrikoli minnu personalment jew minn xi membru tal-familja personalment għal perjodu ta' mhux anqas minn erba' snin konsekuttivi li jibdew minnufih wara d-data tat-terminazzjoni."*
>
> …
>
> *Iżda ċ-ċirkostanza msemmija fil-paragrafu (a) ma tkunx raġuni biżżejjed biex jiġi milqugħ ir-rikors ta' sid il-kera, jekk il-kerrej jipprova li r-raba in kwistjoni jkun **fonti importanti tal-għajxien** tiegħu u tal-familja tiegħu u jekk il-Bord ikun sodisfatt li l-kerrej **ibati aktar minn sid il-kera** jekk ir-rikors jiġi milqugħ."*

10. Ifisser għalhekk illi biex sid ta' art agrikola jirnexxilu jirriprendi l-pussess tagħha mingħand l-inkwilin ai termini ta' dan l-artikolu:

(i) fl-ewwel lok irid jipprova a sodisfazzjon tal-Bord li hu jew xi membru tal-familija tiegħu <u>għandu bżonnha għal skopijiet agrikoli</u> għal perjodu ta' mhux inqas minn erba' (4) snin konsekuttivi mid-data tat-terminazzjoni tal-kirja korrenti;

(ii) jekk jiġi ppruvat dan il-bżonn, il-Bord imbagħad irid jara <u>jekk ir-raba hux fonti importanti tal-għajxien tal-kerrej u tal-familja tiegħu</u>; u

(iii) jekk jiġi hekk pruvat, il-Bord irid ikun sodisfatt li f' każ li jilqa' t-talba tas-sid għar-ripreża tal-fond, <u>il-kerrej mhux ser ibati aktar minn dak li kien ser ibati s-sid tal-kera</u> f' każ li t-talba tiegħu tiġi miċħuda.

11. Il-Bord kien tal-fehma li l-attur irnexxielu jipprova li jeħtieġ ir-raba' għal skop agrikolu. Kwantu għall-konvenut, minkejja li huwa saħaq li l-art in kwistjoni hija importanti għall-għajxien tiegħu, il-Bord ikkonkluda li ma ressaqx biżżejjed

[3] rikors ta' sid il-kera biex jieħu lura l-pussess tal-art

provi biex juri x'ser jitlef bħala introjtu f' każ li l-attur kellu jiġi awtorizzat jieħu lura l-pussess tar-raba'. Għalhekk m'għamilx l-eżami komparattiv biex jistabbilixxi minn mill-kontendenti ser ibati l-iżjed.

12. In vista ta' dan l-ewwel aggravju tal-konvenut din il-qorti eżaminat bir-reqqa l-provi rilevanti għall-kwistjoni.

13. <u>L-attur Carmel Demanuele</u> xehed illi huwa impjegat mal-Gvern bħala xufier ta' trakk, liema trakk hu proprjeta` tiegħu. Xehed li s-salarju hu ta' madwar disa' mija u ħamsin ewro (€950) fix-xahar[4], pero` enfażizza li wara li jaqta' l-ispejjeż (diesel, ħsarat fit-trakk eċċ) f'idu jibqagħlu bejn seba' mija (€700) u seba mija u ħamsin (€750) fix-xahar. Skont l-FS3 tas-sena 2013[5] jirriżulta li f' tali sena huwa kellu paga "gross" ta' €13,965.33.

14. Spjega li oltre tali impieg mal-Gvern, huwa jagħmel xogħol agrikolu flimkien ma' ħuh, li jaħdem bħala bidwi *full-time*. Qal li kemm hu kif ukoll ħuh għandhom l-għelieqi fl-inħawi tal-art in kwistjoni u li t-tnejn li huma jaħdmuhom. Qal li huma jaħdmu prinċipalment fuq l-esportazzjoni tal-patata: "...*dejjem irnexxieli nesporta madwar elfejn xkora patata u niġbru bejn ten sa eleven euro għal kull xkora...*"

15. Huwa ppreżenta diversi dokumenti (Dok CD1 sa Dok CD12)[6] li jikkonfermaw l-involviment tiegħu fis-settur tal-agrikoltura:

| | |
|---|---|
| Dok CD1 | Kopja ta' ċertifikat maħruġ miċ-Ċentru Tagħlim u Taħriġ għall-Bdiewa, datat 20.12.2011, li jindika li huwa pparteċipa f'kors dwar frott u ħaxix |
| Dok CD2 | Kopja ta' ċertifikat maħruġ mill-Farmer Learning Centre (bla data) li jiċċertifika li huwa attenda kors dwar ix-xiri, t-trasport, l-użu u l-ħażna ta' prodotti ta' bexx u li għadda minn eżami li jintitolah għal-liċenzja skont l-Avv. Legali 115/2004 u l-Att Dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi |
| Dok CD3 | Kopja ta' ċertifikat maħruġ mill-Farmer Learning Centre (bla data) li jiċċertifika li huwa attenda "Plant Protection Products Course" skont l-Avv. Legali 115/2004 u l-Att Dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi |

[4] Fil-fatt esebixxa l-aħħar "pay slip" (numru 13 minn 13) għas-sena 2015, li hija fl-ammont ta' **€988.68** "net".
[5] Dok XY, FS3 tal-attur esbit mill-konvenut, fol 50.
[6] Dok CD1 sa CD12, fol 33-44.

| | |
|---|---|
| Dok CD4 | Kopja ta' karta tal-identita li tiddikjarah awtorizzat jixtri, jittrasporta, jaħżen u juża l-pestiċidi |
| Dok CD5 | Kopja ta' riċevuta datata 31.07.2013 fl-ammont ta' €25,701.95 rigwardanti xkejjer ta' patata mibjugħa minnu |
| Dok CD6 | Kopja ta' statement (iffirmat mid-Direttur tal-Agrikoltura) rigwardanti prodotti mibjugħa minnu lill-Pitkali għas-sena 2013, fl-ammont ta' €6,280.96 (net) |
| Dok CD7 | Kopja ta' riċevuta datata 21.07.2012 fl-ammont ta' €24,783 rigwardanti xkejjer ta' patata mibjugħa minnu (indikat bħala farmer) |
| Dok CD8 | Kopja ta' statement (iffirmat mid-Direttur tal-Agrikoltura) rigwardanti prodotti mibjugħa minnu lill-Pitkali għas-sena 2012, fl-ammont ta' €5,701.77 (net) |
| Dok CD9 | Kopja ta' riċevuta datata 12.07.2011 fl-ammont ta' €13,496.40 rigwardanti xkejjer ta' patata mibjugħa minnu |
| Dok CD10 | Kopja ta' żewġ riċevuti datati 24.04.2011 u 02.05.2011 fl-ammonti ta' €2,475 u €4,965 rispettivament rigwardanti xkejjer ta' patata mibjugħa minnu |
| Dok CD11 | Kopja ta' żewġ riċevuti oħra datati 30.04.2011 u 26.04.11 fl-ammonti ta' €2,917.40 u €3,062.40 rispettivament rigwardanti xkejjer ta' patata mibjugħa minnu |
| Dok CD12 | Kopja ta' statement (iffirmat mid-Direttur tal-Agrikoltura) rigwardanti prodotti mibjugħa minnu lill-Pitkali għas-sena 2011, fl-ammont ta' €7,384.51 (net) |

16. L-attur ippreċiża li huwa ħadem il-prodott indikat fl-imsemmija dokumenti, "*mir-raba li għandi fuq ismi.*" Huwa ppreżenta dokument ieħor[7] maħruġ mill-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima, li fuqu hemm indikati l-għelieqi kollha li l-attur għandu fuq ismu għal skop ta' *"Sussidju fuq Art Agrikola mogħtija mill-Komunita` Ewropea għall-Kampanja 2015"*. It-total tal-kejl superfiċjali tar-raba tiegħu huwa indikat f' dan id-dokument bħala 2.4208 ettari (24,208mk) li huma ekwivalenti għal <u>21 tomna u nofs</u>[8]. L-attur xehed illi jikkalkola li minn kull tomna li għandu jiggwadanja madwar elf euro (€1,000) fis-sena. Enfażizza illi għalkemm ħuh ukoll għandu l-għelieqi tiegħu (xehed li ħuh fil-fatt għandu 40 tomna) huma ma jaħdmuhx bħala sħab, iżda sempliċiment jassistu lil xulxin u għandhom il-makkinarju bejniethom. Xehed ukoll illi riċentement hu u ħuh xtraw razzett bir-raba miegħu b'mod li hu u ħuh għandhom tomnejn u nofs flimkien.

17. Spjega illi ibnu Brandon Demanuele, (li allura jikkwalifika bħala "*membru tal-familja*" tiegħu skont l-Artikolu 2 tal-Kap 199) temm l-edukazzjoni sekondarja

[7] Dokument datat 18.02.2016, fol 124
[8] tomna = 1124.1mk

tiegħu fl-2013[9] u jixtieq jaħdem bħala bidwi *full-time*, "*Imma jiena m'għandix raba x' intih".* L-attur fil-fatt irid l-art in kwistjoni sabiex jgħaddiha lilu.

18. Stabbilit li l-attur għandu bżonn il-biċċtejn art in kwistjoni għal skopijiet agrikoli (kif fil-fatt ikkonkluda l-Bord) imiss li jiġi eżaminat jekk tali art hux "*fonti importanti*" tal-għajxien tal-konvenut u tal-familja tiegħu.

19. Il-konvenut Carmelo Busuttil, u ħutu Grezzju Busuttil u Nazzareno Busuttil xehedu fit-tul dwar id-dħul tagħhom u s-sitwazzjoni familjari tagħhom kif ukoll dwar l-użu li jagħmlu mir-raba mertu tal-kawża. Dawn l-aħwa Carmelo, Grezzju u Nazzareno (lkoll ta' eta avvanzata) mhux miżżewġin u lkoll jgħixu flimkien ġo razzett viċin tar-raba' in kwistjoni (flimkien ma' oħthom Kelina, żewġha u ż-żewġ uliedha).

20. Il-konvenut Carmelo Busuttil huwa pensjonant u skont hu għandu dħul ta' €355 fix-xahar. Skont il-biljett tar-reġistrazzjoni tal-biedja, maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura u Sajd[10] jirriżulta li r-raba li għandu mqabbla fiha kejl ta' ħdax-il tomna, ħames sigħan u tliet kejliet (11.5.3). Din tinkludi l-biċċtejn raba proprjeta` tal-attur, li l-kejl kumplessiv tagħhom skont il-kuntratt tal-2012 huwa ta' 4,686mk, ekwivalenti għal ftit iktar minn erba' tomniet. (Fir-rigward tar-raba li għandu fil-pussess tiegħu huwa jirċievi għajnuna finanzjarja mingħand l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali[11].)

21. Ħuh Grezzju Busuttil huwa impjegat mal-Pitkalija u u qali li ghandu paga ta' €700 fix-xahar f'idejh. Huwa, bħall-konvenut, ukoll għandu xi raba' fil-viċinanzi mqabbla għandu.

22. Ħuh l-ieħor Nazzareno Busuttil huwa impjegat mal-Ministeru tas-Saħħa u jagħmel xogħol ta' *litter picking* fit-triq. Skont hu jaqbad paga ta' €777 f' idejh kull erba' ġimgħat. In oltre jrabbi l-annimali għall-qatla. Iżomm nagħaġ,

---

[9] School leaving certificate, fol 24.

[10] Dok CB5, datat 12.03.1975, fol 58-59.

[11] Dok CBX (rendikont tal-għajnuna finanzjarja li ingħatat lill-konvenut): skont dan id-dokument datat 22.11.2013, il-konvenut irċieva **€450.33** rappreżentanti għajnuna finanzjarja għall-perjodu 16.10.2012 sa 15.10.2013 minħabba raba li tinsab f' żona żvantaġġjata, u **€360.65** rappreżentanti għajnuna finanzjarja li ingħatat taħt l-iskema ta' pagament uniku, fol 57.

mogħoż u għoġiela[12]. Huwa wkoll għandu xi raba imqabbla għandu.

23. Ir-raba' kollu li huwa mqabbel għand dawn it-tlett aħwa Carmelo, Grezzju u Nazzareno jikkonsisti f'porzjonijiet imxerrdin fl-inħawi. Għalkemm Grezzju xehed li bejn it-tlett aħwa hemm bejn ħmistax u għoxrin tomna raba, Nazzareno u l-konvenut Carmelo invece xehedu li bejn it-tlett aħwa hemm madwar tletin tomna. It-tlett aħwa jgħinu lil xulxin fil-ħidma tar-raba' tagħhom.

24. Fir-razzett barra li hemm l-annimali tal-qatla li jrabbi Nazzareno hemm il-bhejjem li jintużaw għax-xogħol tal-ħart l-għelieqi, għalkemm għal dan il-għan hemm ukoll "*tractor*".

25. Ir-raba' tat-tlett aħwa jintuża in parti għall-magħlef tal-annimali (kemm il-bhejjem tal-ħart, kif ukoll l-annimali li jrabbi Nazzareno għall-qatla) u in parti għat-tkabbir tal-prodott. Ġieli ukoll titħalla xi parti vojta biex tistrih. Il-prodott li jitkabbar fir-raba kollu li għandhom bejniethom jintuża għall-konsum tagħhom (u ta' oħthom u l-familja tagħha) u dak li jibqa' jbiegħuh il-Pitkali. Għalkemm il-prodott ikun inħadem mit-tlett aħwa, jiddaħħal il-Pitkali minn Grezzju (li fil-fatt jaħdem il-Pitkali). Ġew esebiti *statements*[13] li juru rendikont tal-prodott agrikolu li ttella' il-Pitkali minn Grezzju għas-snin 2011 sa 2013:

| | |
|---|---|
| 2011 | €6,668.07 (gross) |
| 2012 | €6,173.80 (gross) |
| 2013 | €3,777.40 (gross) |

26. Fir-rigward tal-biċċtejn art in kwistjoni, il-konvenut xehed illi fihom jiżra qamħ, xgħir u silla għall-bhejjem, kif wkoll patata. Huwa qal illi meta jkun hemm il-patata din tħalli mal-€500 netti u meta jkun hemm it-tiben dan iħalli mal-€1,200. Issa kif fuq spjegat, barra dawn il-biċċtejn raba (bil-kejl ta' ftit iktar minn erba' tomniet) il-konvenut għandu seba' tomniet oħra, u għalhekk jekk jitlef ir-raba in kwistjoni jkun tilef madwar 36% tar-raba' kollu li għandu fil-

[12] Dok NB1 huwa dokument li jiċċertifika li Nazzareno Busuttil huwa reġistrat biex iżomm il-merħliet tan-nagħaġ u l-mogħoż, u wkoll il-merħliet tal-bovini.
[13] Dok CB5, fol 62-64

pussess tiegħu.

27. Il-qorti fehmet li bejn l-attur u ż-żewġ ħutu hemm arranġament fejn minkejja li kull wieħed għandu l-għelieqi partikolari tiegħu, huma jaħdmuhom kollha bejniethom għall-benefiċċju komuni:

Il-konvenut xehed illi:

> *"Aħna tliet ġuvintur u bejnietna ngħinu biex ir-raba li għandna naħdmuh u nieħdu l-prodott minnu biex ngħixu bih u jekk jibqa' ntellgħuh il-Pitkali għall-bejgħ, kif ġieli għamilna. Illi jiena u ħuti ngħinu lil xulxin fil-ħdim tar-raba li għandna."*

Grezzju Busuttil xehed illi:

> *"Aħna t-tlieta ngħinu lil xulxin u kull roqgħa raba li għandna niżirgħuha biex nieħdu l-prodott skont kif jippermetti t-temp. Għandi nżid li ħija Nazzareno jrabbi l-annimali u allura anki silla u qamħ niżirgħu biex ikollna x' nitimgħu lill-annimali. Illi aħna niżirgħu ħafna prodotti, inkluż patata, u fil-fatt indaħħlu prodotti fil-Pitkalija meta jkollna bl-abbundanza".*

Nazzareno Busuttil xehed illi:

> *"...jiena ngħin lil ħuti u huma jgħinu lili. Jiena armat bit-trobbija tan-nagħaġ u l-baqar. Inrabbi dawn l-annimali għall-qatla mhux għall-ħalib. Għalhekk huwa importanti li jkollna fejn niżirgħu il-qamħ u s-silla biex ikollna x' nitimgħu lill-annimali."*

28. Dwar din il-kawżali l-aggravju tal-appellant hu dwar min mill-partijiet ser isofri l-iktar *hardship*. L-appellant qal:

> *"Illi hawn jingħad bir-rispett li l-Onorabbli Bord mar żmerċ fis-sens illi f'dal-każ kellu jeżamina wkoll it-tbatija li kienu ser ibagħtu l-partijiet. Il-Bord kellu stampa ċara ta' dak li jdaħħal ir-rikorrenti u l-intimat.......*
>
> *Illi l-esponenti huwa tal-umli opinjoni li r-rikorrenti huwa sewwa stabbilit finanzjarjament peress li huwa impjegat bid dħul annwali mill-impieg u dħul sostanzjali mill-biedja li jħaddem ma' ħuħ fuq arja ta' tmenin tomna. Il-gwadan tiegħu mill-ħamest itmiem tal-intimat ser ikun minimu u żieda żgħira għalih, waqt li l-intimat ser jitlef ħafna meta jitlef dan ir-raba' li għadu kemm xtara r-rikorrenti....*
>
> *Kapaċi kemm hu kapaċi r-rikorrent jagħmel aktar profit, jissottometti l-esponenti, hija ser tkun ferm ikbar it-tbatija tiegħu li ser jitlef il-qbiela tal-ftit raba' li għandu fuq ismu".*

29. Pero' l-Bord ma ddeċidiex din il-kawżali fuq min ser isofri l-ikbar preġudizzju. Tant hu hekk li qal li l-intimat ma tax prova sodisfaċenti li r-raba' oġġett tal-kawża hi 'fonti importanti' għall-għixien tiegħu u tal-familja tiegħu. Għalhekk ma kienx hemm ħtieġa li jeżamina jekk jirriżultax li, *"l-kerrej ibati aktar minn sid il-kera jekk ir-rikors jiġi milqugħ"*. Għaldaqstant, hu żbaljat l-appellant li l-Bord *'mar żmerċ'* għaliex kellu *'jeżamina wkoll it-tbatija li kienu ser ibatu l-partijiet'*. In vista tal-konklużjoni li wasal għaliha (ara paġna 6 tas-sentenza), il-Bord ma kellux jiddeċiedi dwar jekk l-appellant kienx ser isofri *hardship* ikbar mill-appellat jekk tintlaqa' t-talba ta' sid il-kera.

30. F'kull każ, fl-affidavit l-intimat qal li, *"Id-dħul minn dan ir-raba' jgħin biex isostni lili u lil ħuti"*. Filwaqt li fl-affidavit ta l-impressjoni li r-raba' in kwistjoni tintuża wkoll biex fiha jkabbar il-patata, in subizzjoni (seduta tal-11 ta' Diċembru, 2013) qal li fir-raba' jiżra *"qamħ, xgħajr u silla għax ikollu bżonnhom għall-bhejjem"*. Il-bhejjem li għandu huma żiemel, debba u ħmar; *"Mill-għalqa l-prodott kollu li ntella' jintuża għall-annimali tiegħi…. Jien għandi ngħid li qabel ma ħadt il-pensjoni jiena kont inkabbar kaboċċi, patata u qarabagħli. Jien għandi ngħid illi nieħu sussidju imma nieħu sussidju tal-irħis jiġifieri dak is-sussidju li jipprovdi għall-qamħ"*. Filwaqt li semma' x'ħa prodott mir-raba', patata ma semmietx. Jekk ikabbar patata, meqjus dak li xehed fis-seduta tal-11 ta' Diċembru, 2013, il-qorti fehmet li hi biss f'parti żgħira mir-raba' oġġett tal-kawża. Il-qorti ser tibbaża l-konklużjoni fuq dak li xehed fil-11 ta' Diċembru 2013, meta xehed mingħajr ma kellu ċans joqgħod jipprepara ruħu minn qabel.

31. Il-qorti tosserva:

   a. L-intimat igħix ma' żewġ ħutu subien. Il-qorti fehmet li jgħinu lil xulxin. Mistoqsi, kemm għandhom raba' wieġeb *"Qisu għandna tletin"*, li l-qorti fehmet li jinkludu ż-żewġ għelieqi meritu tal-kawża.
   b. Permezz ta' nota tal-24 ta' Settembru, 2014, l-intimat ippreżenta dokument maħruġ mill-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, L-Ambjent u

t-Tibdil fil-Klima[14] fejn jingħad li għall-perjodu mis-16 ta' Ottubru, 2012 sal-15 ta' Ottubru, 2013 irċieva s-somma ta' €504.33 għar-raba' minħabba li hi f'Żona Żvantaġġata. Pero' mhuwiex ċar jekk dik l-għajnuna ntgħatx biss fuq ir-raba' li hi oġġett tal-kawża jew fuq ir-raba' kollha reġistrata f'ismu (ara l-ktieb tar-raba' a fol. 58-59). Mill-istess dokument jirriżulta li rċieva wkoll ħlas ta' €360.64 ħlas ta' darba. Lanqas mhemm prova minn meta beda jirċievi dik l-għajnuna.

c. Id-dikjarazzjoni ta' bejgħ matul is-snin 2011 u 2013 li l-appellant ippreżenta, ma jgħinuhx. Dak it-tagħrif jirreferi għall-bejgħ li għamel Grezzju Busuttil u mhux l-intimat.

d. Busuttil xehed, *"Illi ngħid li meta jkollna l-patata fl-għalqa ġieli tħallilna mal-€500 netti u meta jkollna it-tiben ġieli nagħmlu tlett mitt balla li jġibu mal-€1,200"* (ara affidavit). Meta l-qorti tikkunsidra dak li xehed l-apellant in subizzjoni, ssibha diffiċli temmen li mir-raba' in kwistjoni l-appellant kien qiegħed jagħmel dak it-tip ta' qliegħ fir-rigward tal-patata. Saħansitra, wkoll meta sar l-aċċess mill-periti tekniċi (14 ta' April, 2016), jirriżulta li kien biss f'parti żgħira tar-raba' li kien hemm il-patata miżrugħa (terz tal-għalqa Ta' Tatieq). Hekk ukoll il-qorti ssibha diffiċli temmen li mir-raba' oġġett tal-kawża l-intimat qiegħed jieħu tlett mitt balla tiben, meta l-ewwel darba li xehed semma' ħamsa u sittin balla.

e. Jekk ir-raba' hi daqstant importanti għall-appellant, il-probabbilta' hi li l-kien jizragħha kollha patata u mhux qamħ, ċiċri, xgħajr u silla, li fi kliem l-appellant stess *"jintuża għall-annimali tiegħi"*. L-annimali li semma' l-appellant huma żiemel, debba u ħmar. Hu veru li qal li juża' l-bhejjem biex jaħdem ir-raba', pero' hu minnu wkoll li rriżulta li wieħed minn ħutu għandu tractor. L-intimat stess xehed, *"aħna għandna mutur tal-ħart"*. Għalhekk mhijiex tal-fehma li d-debba hi indispensabbli.

f. Rilevanti wkoll li fit-tweġiba li ppreżenta fil-31 ta' Mejju, 2013 l-intimata qal: *"Illi mhux minnu li dawn l-għelieqi tħallew mhux maħduma fl-aħħar sentejn peress li dawn baqgħu jinħadmu regolarment, billi jinżirgħu*

[14] Fol. 57.

*b'qamħ u silla, in parti biex jitimgħu il-bhejjem li jżommu biex jaħdmu l-istess raba'"*. Kliem li jkompli juri li r-raba' ma kinitx qegħda tintuża biex fiha titkabbar il-patata.

32. Hu minnu li l-intimat xehed li għandu pensjoni ta' €355 kull xahar (affidavit a fol. 53). Fatt li dwaru ma sarux domandi meta sarlu l-kontro-eżami. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li r-raba' hi fonti importanti għall-għixien tal-appellant u l-familja tiegħu. L-appellant igħix ma' żewġt ħutu ġuvintur li jaħdmu, u oħtu li hi miżżewwġa[15]. Il-qorti fehemet li l-aħwa subien iħalltu u jaqsmu. Hu ovvju li l-prova li r-raba' tkun fonti importanti għall-għixien tal-inkwilin, kellha ssir minnu. Mhemmx tagħrif biżżejjed li jistgħu jwasslu lill-qorti biex tikkonkludi li l-Bord kien żbaljat meta kkonkluda li, *"ma ressaqx provi suffiċjenti biex juru x'ser jitlef bħala introjtu l-intimat f'każ illi tali għelieqi jingħaddew lura lir-rikorrent"*. L-użu ta' erbat itmiem raba' in kwistjoni biex fiha jitkabbar qamħ, silla, xgħajr u ċicri ma jikkonvinċi xejn lill-qorti li din ir-raba' hi *"fonti importanti"* għall-għixien tal-appellant u l-familja tiegħu.

33. Minħabba li l-ewwel aggravju ser jiġi miċħud fuq mhux meħtieġ li l-qorti tikkunsidra t-tieni aggravju li jirrigwarda l-ħitan tas-sejjieħ.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellant. It-terminu li ffissa l-Bord għall-iżgumbrament jiddekorri mil-lum.**

Anthony Ellul.

[15] Fol. 142.